# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-19 ta Gunju 2023**

**Rikors Nru : 546/2022 JPG**

**Kawza Nru : 22**

**AM**

**-vs-**

**JM**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 13 ta' Ottubru 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent zzewweg fir-Registru Pubbliku lill-intimata nhar l-10 ta' Jannar 2003 (vide kopja tac-certifikat anness u mmarkat bhala Dok A).*

2. *Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Roberta Borg datat 28 ta' Ottubru 2016 u emendat fl-atti tal-istess Nutar Roberta Borg nhar 23 ta' Ottubru 2020 (vide kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bhala Dok B).*

3. *Illi ma hemmx kwistjonijiet fir-rigward ta' manteniment jew kwistjonijiet ohra pendenti t'ebda natura bejn il-partijiet.*

4. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghall-iktar minn 5 snin mentri de facto separati ilhom ferm aktar minn hekk u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni*

*bejn il-partijiet anki peress li jghixu hajja separata (vide l-Affidavit tar-rikorrenti anness u mmarkat bhala Dok C).*

5. *Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji riskjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghal dawn il-motivi r-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*i) tiddikjara li z-zwieg tieghu mall-intimata JM hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*

*ii) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi nhar il-25 ta' Mejju 2023 l-intimata dehret mhux assistita ghas-seduta mhejjija u wara li l-Qorti spejgatilha d-drittijiet legali taghha, hija dikkjarat illi ma kienitx tehtieg assistenza legali u li ma kellhiex oggezzjoni ghad-divorzju; (vide fol 30);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 3) illi l-partijiet izzewgu nhar l-10 ta' Jannar 2003, u minn dan iz-zwieg twieled tifel, llum maggiorenni u ghadu jghix mieghu. Sostna illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Borg nhar it-28 ta' Ottubru 2016. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehedet** viva voce (vide fol 31) u kkonfermat u kkorraborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat,***

> ***fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Jannar 2003, liema zwieg jgib certifikat numru 63/2003 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, llum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Borg nhar it-28 ta' Ottubru 2016 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 63/2003 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**